



Brussell, 21 ta' Marzu 2018
(OR. en)

7098/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0328 (COD)

CODEC 377
ECO 26
AGRILEG 41
SAN 84
PE 36

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. - Eżitu tal-proċedimenti tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 12 sal-15 ta' Marzu 2018)

I. INTRODUZZJONI

Ir-rapporteur, is-Sur Giovanni LA VIA (PPE, IT), ippreżenta rapport li jikkonsisti fi tmien emendi (emendi 1-8) għall-proposta għal-Regolament, fisem il-Kumitat dwar l-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel.

Barra minn hekk, ġew ippreżentati tliet emendi (emendi 9-11) minn aktar minn 38 Membru tal-Parlament Ewropew u tliet emendi (emendi 12-14) mill-grupp tal-EFDD. Emenda waħda (l-emenda 15) ġiet ippreżentata b'mod konġunt minn PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Ħodor/AHE u EFDD.

II. DIBATTITU

Qabel il-vot, ir-rapporter Giovanni LA VIA (PPE , IT) qal li l-Parlament ma jistax jissejjaħ biex sempliċiment japprova deċiżjonijiet li jittieħdu fil-marġini ta' laqgħat ministerjali mingħajr ebda bażi legali vinkolanti. Huwa stieden lil Membri tal-Parlament Ewropew mill-gruppi politiċi kollha biex jiftakru fil-prerogattivi tal-Parlament u appella għal laqgħa mal-Kunsill b'rabta man-"nuqqas li tiġi rispettata l-Proċedura Leġislattiva Ordinarka".

III. VOTAZZJONI

Meta vvota fil-15 ta' Marzu 2018, il-Parlament adotta l-emendi li ġejjin: 1-8 u 15.

L-emendi adottati jinsabu fl-anness.

Fi tmiem il-votazzjoni, il-proposta ntbagħtet lura lill-Kumitat, skont ir-Regola 59(4)(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, biex b'hekk l-ewwel qari tal-Parlament ma jingħalaqx u jinfetħu n-negożjati mal-Kunsill.

Il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini *I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (COM(2017)0735 – C8-0421/2017 – 2017/0328(COD))¹

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Wara li kkunsidraw l-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ***jkollha l-uffiċċju rreġistrat il-ġdid*** tagħha ***mid-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit jew mit-30 ta' Marzu 2019, skont liema data tiġi l-ewwel.***

Emenda

(2) Wara li kkunsidraw l-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ***(l-Aġenzija) tibda tokkupa s-sede l-ġdida*** tagħha mit-30 ta' Marzu 2019.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ***fil-post il-ġdid*** tagħha, jenħtieġ li jiġi konkluż ftehim dwar il-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ***qabel ma tibda s-sede l-ġdida tagħha.***

Emenda

(3) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Aġenzija ***fis-sede l-ġdida*** tagħha, jenħtieġ li jiġi konkluż ftehim dwar il-kwartieri ġenerali ***malajr kemm jista' jkun. Jenħtieġ li l-ftehim dwar il-kwartieri ġenerali jinkludi l-aktar termini u kundizzjonijiet xierqa biex ir-rilokazzjoni tal-Aġenzija u l-membri tal-persunal***

¹ Il-każ ġie mgħoddi lura għal negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A8-0063/2018).

tagħha lejn Amsterdam tkun suċċess.

Emenda 3

**Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità sħiħa tal-operat tal-Aġenzija, jenħtieġ li s-sede temporanja f'Amsterdam tkun għad-dispożizzjoni mill-1 ta' Jannar 2019 u li l-kwartieri ġenerali permanenti tal-Aġenzija jkunu lesti sal-15 ta' Novembru 2019.

Emenda 4

**Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) Il-fatt li s-sede l-ġdida tal-Aġenzija tirrifletti l-preferenzi tal-membri tal-persunal attwali tagħha, u li l-awtoritajiet Netherlandiżi qed jagħmlu sforzi biex jiżguraw li dan it-trasferiment doppju ma jipperikolax l-effikaċja operattiva, il-kontinwità u l-funzjonament tal-Aġenzija mingħajr interruzzjonijiet, huwa ta' min ifaħħru. Madankollu, ir-rilokazzjoni doppja tal-Aġenzija lejn Amsterdam tfisser li, sakemm iddum topera mis-sede temporanja, l-Aġenzija se jkollha tnaqqas temporanjament il-prijorità ta' ċerti attivitajiet, bħall-ħidma tagħha fuq il-

mediċina pedjatrika u fuq kwistjonijiet ta' saħħa pubblika, inkluża l-ħidma tagħha fuq ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-pandemiji tal-influwenza. Id-dewmien li diġà ħabbar il-Gvern tan-Netherlands, u li tefa' lura l-konsenja tal-binja permanenti, li x-xogħol ta' kostruzzjoni fuqha għadu ma bediex, iqajjem tħassib dwar dewmien ulterjuri li jista' jkun hemm. Jenħtieġ li r-rilokazzjoni għall-binja temporanja tkun limitata għal 10 xhur u nofs biex jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun tista' terġa' topera bil-kapaċità sħiħa tagħha mis-16 ta' Novembru 2019 u jiġi evitat aktar telf ta' għarfien espert.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Fir-Regolament (KE) Nru 726/2004, *jżdzied* l-Artikolu 71a li *ġej*:

Emenda

Fir-Regolament (KE) Nru 726/2004, *jżdziedu* l-Artikolu 71a *u l-Artikolu 71b* li *ġejjin*:

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 71a

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 71a

L-Aġenzija għandu jkollha s-sede tagħha

Emenda

Artikolu 71a

L-Aġenzija għandu jkollha s-sede tagħha

f'Amsterdam, fin-Netherlands.

f'Amsterdam, fin-Netherlands.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tan-Netherlands għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-Aġenzija tkun tista' tidħol fis-sede temporanja tagħha mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2019 u tibda tokkupa s-sede permanenti tagħha mhux aktar tard mis-16 ta' Novembru 2019.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tan-Netherlands għandhom jippreżentaw rapport bil-miktub lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fir-rigward tal-aġġustamenti tal-uffiċċji temporanji u dwar il-kostruzzjoni tal-binja permanenti tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u kull tliet xhur minn hemm 'il quddiem, sakemm l-Aġenzija tkun daħlet fil-kwartieri ġenerali permanenti tagħha.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 71b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 71b

Ftehim dwar il-kwartieri ġenerali li jippermetti lill-Aġenzija tidħol fil-bini approvat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, għandu jiġi konkluż fi żmien tliet xhur minn... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda 8

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament *għandu* japplika *mid-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit* jew mit-30 ta' Marzu 2019, *skont liema data tiġi l-ewwel*.

Emenda

Dan ir-Regolament japplika mit-30 ta' Marzu 2019.

**Emenda 15
Proposta għal regolament
Dikjarazzjoni (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**"ANNESS Għar-
REGOLAMENT 2018/...**

**DIKJARAZZJONI TAL-PARLAMENT
EWROPEW**

Il-Parlament Ewropew jiddispjaċih li r-rwol tiegħu ta' koleġiżlatur ma ġiex ikkunsidrat peress li ma ġiex involut fil-proċedura li twassal għall-għażla tas-sede l-ġdida tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.

Il-Parlament Ewropew jixtieq ifakkar il-prerogattivi tiegħu bħala koleġiżlatur u jinsisti fuq ir-rispett sħiħ tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja f'dak li għandu x'jaqsam mal-għażla tas-sede tal-korpi u l-aġenziji.

Bħala l-unika istituzzjoni tal-Unjoni li tiġi eletta direttament u tirrappreżenta ċ-ċittadini tal-Unjoni, il-Parlament Ewropew huwa l-ewwel garanti tar-rispett tal-prinċipju demokratiku fl-Unjoni.

Il-Parlament Ewropew jikkundanna l-proċedura segwita għall-għażla tal-post il-ġdid tas-sede, li de facto ċaħħdet lill-Parlament Ewropew mill-prerogattivi

*tiegħu peress li ma ġiex involut
effettivament fil-proċess, iżda issa qed jiġi
mistenni sempliċement jikkonferma l-
għażla magħmula għall-post il-ġdid tas-
sede permezz tal-proċedura leġiżlattiva
ordinarja.*

*Il-Parlament Ewropew ifakkar li l-
Approċċ Komuni meħmuż mad-
Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament
Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni
Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati,
iffirmata fl-2012, mhuwiex vinkolanti –
kif rikonoxxut fid-Dikjarazzjoni nfisha –
u li l-qbil intlaħaq mingħajr preġudizzju
għas-setgħat leġiżlattivi tal-istituzzjonijiet.*

*Għalhekk, il-Parlament Ewropew jinsisti
li l-proċedura segwita għall-għażla tas-
sede l-ġdida tal-aġenziji tiġi riveduta u ma
tibqax tintuża f'din il-forma fil-futur.*

*Fl-aħħar nett, il-Parlament Ewropew
jixtieq ifakkar ukoll li fil-Ftehim
Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016
dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹, it-tliet
istituzzjonijiet impenjaw ruħhom favur
kooperazzjoni leali u trasparenti filwaqt li
fakkru fl-ugwaljanza taż-żewġ
koleġiżlaturi kif minquxa fit-Trattati.*

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1."